MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2177/1997/1

**Emmanuela sive Lily Hanratty f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' binthom minuri Elaine Hanratty**

**Vs**

**L-Avukat Christopher Cilia u l-P.L. Juliana Scerri Ferrante li b'digriet tas-7 ta' Gunju 1998 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Ronald Hanratty**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attri *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-partijiet izzewgu f'Malta fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgha u sittin

(1969) u miz-zwieg taghhom kellhom tifla unika Elaine Hanratty li llum ghandha sbatax-il sena;

Premess illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo` ta' l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) (Dok. A);

Premess illi b'dan il-kuntratt, il-konvenut intrabat u obbliga ruhu li jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghal binthom minuri ammont ekwivalenti ghal tletin liri Maltin (Lm30) fil-gimgha, kwantu ghal Lm20 fil-gimgha, rapprezentanti manteniment ghall-attrici, u kwantu ghal Lm10 fil-gimgha rapprezentanti manteniment ghat-tifla, u dan kif regolat bl-istess kuntratt;

Premess illi l-konvenut, li jirrisjedi fir-Renju Unit, huwa inadempjenti fil-hlas ta' manteniment, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Premess illi fost il-kondizzjonijiet accettati mill-konvenut hemm li l-hlas tal-manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-pensjoni tieghu, kif indikat u deskritt fil-kuntratt;

Premess illi l-konvenut naqas li jadempixxi l-obbligazzjonijiet tieghu ghalkemm interpellat bonarjament;

Premess illi jinhtieg li jinhareg ordni ghall-manteniment kontra l-konvenut a tenur ta' l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment (Kap. 242) tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-konvenut jirrisjedi f'pajjiz li mieghu Malta ghandha ftehim skond l-istess Att;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi talbet l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkonferma r-retta alimentarja pagabbli mill-konvenut lill-attrici, jew somma ohra xierqa u adegwata skond il-ligi u b'effett minn data stabbilita minn din il-Qorti ghal dan l-iskop;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk stabbilita lill-attrici b'dawk il-modalitajiet ta' hlas li jidhrulha xierqa, fosthom, zieda perjodika tal-manteniment u hlas dirett mill-pensjoni tieghu;

3. Tordna il-hrug ta' Ordni ta' Manteniment kontra l-konvenut Ronald Hanratty ghall-hlas tal-manteniment hekk stabbilita minn il-Qorti a tenur ta' l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment (Kap. 242) tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Sussegwentement tordna li jinbaghtu id-dokumenti kollha rekwiziti mill-Att imsemmi tramite r-Registratur tal-Qrati lill-Ministru responsabbli skond dak l-Att sabiex jigu trasmessi lill-pajjiz fejn jirrisjedi l-konvenut;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ta' l-24 ta' Jannar 1997 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta' Dr. Christopher Cilia u P.L. Juliana Scerri Ferrante li b'digriet ta' l-4 ta' Gunju 1998 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Ronald Hanratty, li permezz taghha huma eccipew:-

1. Illi ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza u irrizervaw li jaghtu eccezzjonijiet ulterjuri wara li jkunu ghamlu d-debiti verifiki;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Dr. Christopher Cilia *et nomine* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu legalment infondati u c-citazzjoni kif promossa inammissibbli stante illi l-provvedimenti tal-Kapitolu 242 tal-Ligijiet ta' Malta japplikaw biss fir-rigward ta' ordnijiet ta' manteniment moghtija mil-Qorti u mhux ukoll ta' klawsoli dwar manteniment pattwiti f'kuntratti ta' separazzjoni konsenswali, kif inhu l-kaz odjern;

2. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-attrici f'din il-kawza qed titlob il-hrug ta' Ordni ta' Manteniment fil-konfront ta' zewgha Ronald Hanratty, cittadin Ingliz. Dan fit-termini ta' l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment (Kapitolu 242);

Jirrizulta li l-koppja zzewget f'Malta fid-29 ta' Novembru 1969. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum ilkoll ta' eta` maggorenni;

Bi ftehim konsenswali l-attrici u zewgha sseparaw fl-1 ta' Dicembru 1994. Dan kif jidher mill-kuntratt pubblikat in atti Nutar Dottor Marco Burlo` (fol. 5 tal-Process), wara li t-termini tieghu gew approvati mill-Imhallef sedenti fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili;

*Inter alia*, dan il-kuntratt jipprovdi fi klawsola erbgha (4) tieghu illi r-ragel jobbliga ruhu li jissomministra lil martu ghaliha u ghal bint Elaine, dakinhar minorenni, ir-rata ta' manteniment ta' tletin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha. Ammont dan suddiviz kwantu ghal ghoxrin lira Maltija (Lm20) ghal mara u kwantu ghal ghaxar liri Maltin (Lm10) ghal minuri;

Prezentement l-attrici qed tiddomanda r-rata ta' manteniment korrispondenti ghaliha biss, u cioe` ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha. Dan anke ghaliex, kif verbalizzat minnha fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2003 hi rrinunzjat ghal pretensjoni taghha ghal zieda perjodika kif minnha inizjalment mitlub fit-tieni talba taghha;

Fl-Affidavit taghha a fol. 50 l-attrici tghid li fil-kors ta' din il-procedura hi rceviet minghand zewgha s-somma ta' erbat elef seba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm4710) ghall-arretrati ta' alimenti dovuti sat-23 ta' Settembru 1999. Minn din id-data 'l quddiem ma rcevietx hlasijiet ohra minghandu;

L-attrici tghid ukoll illi zewgha jahdem bhala bus driver fl-Ingilterra u huwa recipjent wkoll ta' British Service Pension;

Flimkien ma' l-Affidavit taghha l-attrici pprovdiet ukoll ritratt ta' zewgha kif ukoll taghrif dwar il-konnotati tieghu u cioe` li twieled Liverpool, l-Ingilterra minn William Hanratty u Bertha nee` Floyd;

Dan stabbilit il-Qorti hi sodisfatta li lill-attrici hu dovut il-hlas tal-manteniment ghaliha fit-termini tal-kuntratt tas-separazzjoni intervenut bejnha u zewgha;

Il-Qorti hi sodisfatta ukoll b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 242 illi zewg l-attrici jirrisjiedi f'"pajjiz li jirreciproka", kif din il-frazi hi ahjar imfissra fl-Artikolu 3 ta' l-Att. Hi wkoll sodisfatta li l-attrici setghet titlob li l-Ordni tal-Qorti jintbaghat f'pajjiz bhal dan biex hemm l-Ordni taghha jigi ezegwit.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi takkolji l-Ewwel Talba u ghaldaqstant tikkonferma li r-retta alimentarja dovuta lill-attrici minghand zewgha hi ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha. Dan b'effett mit-23 ta' Settembru 1999;

Tilqa' it-Tieni Domanda fis-sens biss li tikkundanna lir-ragel assenti jhallas lill-attrici martu r-rata ta' alimenti fuq specifikata u mid-data imsemmija;

Tilqa' t-Tielet Domanda u tordna l-hrug ta' Ordni ta' Manteniment kontra r-ragel assenti ghal hlas tal-manteniment stabbilit. Dan konformement a tenur ta' l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment (Kapitolu 242);

Tilqa' wkoll ir-Raba' Talba u tordna li jintbaghtu tramite r-Registratur tal-Qorti d-dokumenti kollha elenkati fl-Artikolu 4(4) tal-Kapitolu imsemmi lill-Ministru responsabbli sabiex dawn jigu trasmessi lill-pajjiz li jirreciproka u li fih jirrisjedi l-konvenut assenti.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------